DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................  DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**EN PASSANT**

*p.130 (m/f - M/F)*

## SULDAT ISWED

### IVA, INPAXXIHOM...

Iva, inpaxxihom... Dak biss taf tgħid int!

Iva, iva - issa tgħid hekk imma. Ħalli tkompli tiġi hawn wisq aktar - ħalli l-istorja tkompli ttenni ruħha, logħba wara logħba elf darb'oħra. Għomrok kollu! Imbagħad - imbagħad tinkedd - imbagħad tinkedd u titbellah!

Ma jimpurtakx intix tpaxxihom jew le mbagħad. Jimpurtak biss li forsi xi darba, xi ħadd, jindenja ruħu jinduna bik, jiftakar li int - Sempliċi Suldat - Iswed jew Abjad - int ukoll trid min jagħti kasek - trid li ma ssibx ruħek barra mil-Logħba bla ma tkun ħadt imqar sehem żgħir fiha.

Titkarrab, iva - tittallab u tgħaffeġ taħt saqajk id-dinjità - il-ftit dinjità! - il-ftit rispett li forsi huma jkunu ħallewlek - u titkarrab u titbellah imbagħad!

/ U toqgħodx tgħidli! Tgħidlix li int ma ġbartx bewl u ħara minn warajhom - int ukoll! Int li ilek iddur - int li dort u mxejt daqskemm tippretendi li dort u mxejt! Mgħobbi bil-ħara u l-bewl tagħhom, int ukoll! Mela tiġix tgħidli lili int! *(164)*

PDF p.130

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.